MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Numru. 92/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**Vs**

**Timothy Briffa ta' 26 sena, bin Louis u Rita nee' Bonnici imwieled il-Pieta' fil-31 ta' Dicembru 1980 u residenti "Joe Rose", Triq l-Arznell, Marsaxlokk detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 0047681(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Timothy Briffa li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar it-3 ta' Novembru 2006 ghal habta tal-11:40p.m. f'Paceville, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta'

haddiehor f’periklu car, ikkagunajt ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Elton-Joseph Caruana (I.D. card no. 0137275(M)), u ferita ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet lil Malcolm Mallia (I.D. card no. 0373789(M)) u dana kif hekk gie iccertifikat minn Dr. A. Cordina M.D. (Med. Reg. No. 2641) u dana bi ksur ta’l-artikoli 214, 215, 216 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi;

Rat l-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja (fol.24).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Ikkunsidrat,

Illi l-provi migjuba quddiem dina il-Qorti huma essenzjalment, ix-xhieda tal-parti leza u x-xhieda ta’l-imputat biss. Il-Qorti ghalhekk giet rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament opposti. Il-parti leza min-naha taghha issostni illi dana l-incident inqala’ kollu minhabba l-fatt illi l-imputat ta fastidju lit-tfajla ta’ wiehed minnhom, li kienet tfajla ta’ nazzjonalita’ Russa. Huma innuttaw illi dina it-tfalja ma haditx gost b’dina l-attenzjoni li kien qed juri fil-konfront taghha l-imputat u ghalhekk hija iritaljat. Caruana u Mallia ghalhekk intervjenew bejn dina it-tfajla u l-imputat bil-konsegwenza illi inqala’ argument u l-imputat xejjer zewg daqqiet ta’ ponn fid-direzzjoni ta’ dawna Caruana u Mallia u ikkagunalhom xi griehi.

Min-naha tieghu l-imputat jichad li sehh dana kollu u ighid illi huwa kien miexi ghall-affari tieghu fi triq gewwa Paceville meta giet dina it-tfajla Russa fuqu u tatu daqqa ta’ handbag ghal xejn b’xejn. Sussegwentement daru ghalih tlett zaghzagh u hu kif rahom beza’ u telaq jigri

sakemm lahhquh il-pulizija. Jichad ghalhekk kategorikament illi huwa kellem lil dina it-tfajla jew lil dawn iz-zaghzagh kif jichad ukoll, ghalhekk illi huwa ikkagunalhom xi griehi.

Illi huwa minnu kif issostni id-difiza illi l-unika xhud okulari ghall-incident u cioe' dina it-tfajla ta' nazzjonalita russa (li x'aktarx kienet il-kagun ta'l-incident kollu) ma tressqitx bhala xhud peress illi hija tinsab imsiefra, izda madanakollu kemm Elton John Caruana kif ukoll Malcolm Mallia ighidu it-tnejn illi huma illi gharrfu lill-imputat bhala il-persuna li kien aggredihom u it-tnejn isostnu illi kien l-imputat illi xejjer id-daqqiet ta'l-ponn fid-direzzjoni taghhom u ikkagunalhom il-griehi li sofrew. Tant hu hekk illi huma immedjatament sejhu lill-pulizija li mal-ewwel accedew fuq il-post. L-imputat hekk kif ra il-pulizija telaq jigri u harab minn fuq il-post u kienu il-pulizija illi kellhom jigru warajh sakemm irnexxielhom jaqbduh.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-verzjoni moghtija mill-imputat hija ghal kollox inverosimili. Dana peress illi fl-ewwel lok mill-provi jirrizulta illi l-parti leza sofriet griehi f'dana l-incident. Dawn il-griehi ma setghux gew mill-arja, kif donnu qed isostni l-imputat! Ic-certfikati medici esbiti bhala Dokumenti TB2 u TB3, jindikaw illi Caruana u Mallia gew ezaminati ftit wara u cioe' wara nofs il-lejl. L-imputat jikkonferma illi huwa kellu dana l-iskontru ma' dawn iz-zaghzagh. Ir-rapport lill-pulizija sar mal-ewwel tant hu hekk illi l-pulizija mal-ewwel wasslu fuq il-post. Illi fit-tieni lok jidher illi l-imputat harab minn fuq il-post mhux ghaliex beza' miz-zaghzagh, izda ghax beza mill-pulizija li bdew jigru warajh. Kieku stess huwa kien qieghed jibza' minn dawna iz-zaghzagh kif xehed, kien jieqaf u imur ghall-assistenza minn ghand il-pulizija li kienu qed jigru warajh u mhux ikompli jahrab u jigri minnhom! Ghalhekk il-verzjoni ta'l-imputat illi huwa ma messx lil Caruana u lil Mallia ma hijiex wahda verosimili u ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-imputat ikkaguna il-griehi rapportati mill-parti leza.

Issa l-imputat jinsab akkuzat illi ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Elton Joseph Caruana. Jidher illi il-

gerha li kellu Caruana kienet tikkonsisti f’qasma fuq ghajnejh tal-lemin tant illi anke sarulu xi punti hfief. Kien ghalhekk illi it-tabib li ezmainah u cioe’ it-tabib Adrian Cordina dak in-nhar ta’l-incident ikklasifika din il-gerha bhala ta’ wahda ta’ natura gravi. Madanakollu fix-xhieda mogthija mill-istess tabib (a fol.25, 26 u 27) jidher illi wara li ezamina lil Caruana quddiem il-Qorti huwa kien tal-fehma illi din kienet iktar *scar* milli xi gerha. Inoltre kompla izid illi dina l-*iscar* ma kenitx aktar vizibbli tant illi huwa kellu ifittixha sabiex irnexxielu isibha. Il-Qorti ghalhekk thoss illi l-ferita li sofra Elton Joseph Caruana ma tistax tigi ikklasifikata bhala wahda ta’ natura gravi kif dettati fil-parametri tal-ligi (ara artikolu 216 Kodici Kriminali). Din l-ferita ma tistax tigi ikklasifikata bhala xi sfregju gravi jew permanenti fil-wicc peress illi mat-trapass taz-zmien il-marka illi ghandu il-vittma lanqas qed tibqa vizibbli. Inoltre ma jidhirx illi dina il-ferita kellha xi konsegwenzi ohra serji bhal forsi xi nuqqas ta’ vista jew inkella xi deformazzjoni minhabba li tkun giet milquta xi nervitura jew muskolu. Fil-fatt jidher illi l-imputat uza biss idejh u cioe’ il-ponn u ma jidhirx illi huwa kellu xi strument iehor f’idejh jew xi oggett li seta’ ikkaguna xi griehi iktar gravi bl-uzu ta’l-istess.

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Azzopardi (deciza 30 ta’ Lulju 2004) gie deciz: “Il-kwistjoni jekk l-offiza hix wahda hafifa u ta’ importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta’ fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta’ guri, ghalhekk, rimessa f’idejn il-gurati, u fil-kaz odjern rimessa f’idejn il-gudikant ta’l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f’idejn l-imhallef sedenti). Ma hix ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq “opinjoni medika”. It-tabib jew tobba jispjegaw x’irriskontraw bhala fatt; u jekk il-qorti tippermetielhom jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dika l-offiza, jew ma xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbaghad ghall-gudikant tal-fatt, li fid-dawl mhux biss ta’ dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta’l-offiza.”

Il-Qorti ghalhekk tqies illi l-feriti ikkagjonati kemm fuq il-persuna ta’ Elton John Caruana kif ukoll fuq il-persuna ta’ Malcolm Mallia ghandhom jigu ikklasifikati bhala ta’ natura hafifa u ghalhekk ghandha tinstab htija f’dana is-sens.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda taqta u tiddeciedi billi issib lill-imputat Timothy Briffa hati li ikkaguna feriti ta’ natura hafifa biss fuq l-persuni ta’ Elton Joseph Caruana u Malcolm Mallia u tikkundannah ghal multa ta’ Lm300.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------